**21 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Michael Mifsud

*versus*

Henry M. Reynard

**Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell mid-Deċiżjonijiet Mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna – "Oġġett tal-Pretensjoni"**

*Meta l-oġġett tal-pretensjoni bla ma jitqiesu l-ispejjeż jaqbeż il-valur jew is-somma ta' tliet mitt lira jew ikun tali ma jistax jiġi stabbilit il-valur tiegħu, mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna jingħata appell quddiem il-Qorti ta' l-appell.*

*Wieħed irid iħares lejn dak li qiegħed jiġi pretiż fil-kawża sabiex jistabilixxi l-kompetenza o meno tal-Qorti.*

*Tista' dik il-pretensjoni in segwitu tirriżulta infondata in toto jew in parte iżda l-istess Qorti tkun kompetenti tieħu konjizzjoni ta' l-appell jekk l-"oġġett tal-pretensjoni jkun jeċċedi Lm300".*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, fejn ippremetta illi;

*Omissis;*

u talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex dik il-Qorti:

1) tiddikjarah responsabbli għall-inċident stradali in kwistjoni, okkorrendo jekk hemm bżonn permezz ta' perit innominat għall-istess fini;

2) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-istess inċident stradali;

3) tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati – bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Jannar, 1984 u bl-inġunzjoni tal-

konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek u bl-imgħax legali skond il-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi d-domandi attriċi huwa totalment infondati fid-dritt u fil-fatt billi l-inċident stradali in kwistjoni ġara unikament tort ta' l-attur ossija tort ta' iben l-attur u l-konvenut bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-istess inċident stradali, salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna fil-kompetenza superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil fit-3 ta' Lulju, 1985 li biha ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet wara li kkunsidrat illi:

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fl-10 ta' Lulju, 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attur ippreżentata fl-24 ta' Lulju, 1985, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija tat-3 ta' Lulju, 1985, u tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut Henry M. Reynard ippreżentata fl-14 ta' Awissu, 1985, li biha eċċepixxa preliminarjament li din il-Qorti m'hix il-Qorti kompetenti biex

tisma' dan l-appell u dana stante li l-ammont ta' danni mitlub mill-attur ma jeċċedix it-tliet mitt lira Maltija (Lm300) bla ma jitqiesu l-ispejjeż ġudizzjarji u li fil-mertu s-sentenza appellata hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-attur appellant;

Rat il-provvediment tagħha ta' l-10 ta' Ġunju, 1987;

Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' Ottubru, 1987, li bih ġie nnominat William Cassar Torreggiani biex jagħmel l-istima hemm imsemmija;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit ippreżentata fit-30 ta' Ottubru, 1987;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat kwantu għall-eċċezzjoni ta' inkompetenza fuq imsemmija;

Il-kwistjoni li għandha tiddeċidi din il-Qorti hija l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut li din il-Qorti m'hix il-Qorti kompetenti biex tisma' dan l-appell stante li l-ammont ta' danni mitlub mill-attur ma jeċċedix it-tliet mitt lira maltija (Lm300) bla ma jinqiesu l-ispejjeż ġudizzjarji;

Din il-kwistjoni hija regolata mill-artikolu 52(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12, Edizzjoni Riveduta 1984) li jiddisponi li meta l-oġġett tal-pretensjoni bla ma jitqiesu l-ispejjeż jaqbeż il-valur jew is-somma ta' tliet mitt

lira jew ikun tali li ma jistax jiġi stabbilit il-valur tiegħu mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna jingħata appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Fil-provvediment tagħha ta' l-10 ta' Ġunju, 1987 din il-Qorti rriteniet għar-raġunijiet hemm imsemmija li għad li l-valur kien inċert, l-istess valur għandu jitqies determinabbli u fil-fatt b'digriet ieħor ta' l-14 ta' Ottubru, 1987 għaddiet biex tinnomina lil William Cassar Torreggiani ssuġġerit miż-żewġ kontendenti biex jagħmel l-istima skond il-liġi. Ir-relazzjoni peritali ġiet ippreżentata fit-30 ta' Ottubru, 1987. In segwitu l-itess perit kien ġie eskuss mill-partijiet li għamlu wkoll is-sottomissjonijiet tagħhom rigward l-imsemmija kwistjoni ta' inkompetenza;

Ikkunsidrat:

Jidher minn eżami ta' l-art. 52(1) fuq ċitat li meta ssir l-imsemmija stima wieħed irid iħares lejn "l-oġġett tal-pretensjoni" (*test* Ingliż: *"the matter of the claim")*. Dan hu anke kkonfermat bl-artikolu 763(4), Kap. 12, introdott bl-Att XXIII ta' l-1971 fejn jingħad li "n-nuqqas ta' stima magħmula skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fiż-żmien hemmhekk stabbilit m'għandux ikun kawża ta' nullità ta' appell jekk, wara li ssir stima skond ordni tal-Qorti li quddiemha jkun tressaq l-appell, jirriżulta illi **l-oġġett tal-pretensoni** jaqa', minħabba l-valur tiegħu, taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti bħala Qorti ta' Appell";

Dak li hu importanti għalhekk huwa, skond il-kliem ċari tal-liġi, "l-oġġett tal-pretensjoni" u mhux dak li fil-fatt jista' talvolta jirriżulta dovut. Wieħed irid iħares lejn dak li qiegħed

jiġi pretiż fil-kawża sabiex jistabilixxi l-kompetenza o meno tal-Qorti (Ara fl-istess sens a rigward l-artikolu 228, Koll. Dec. Vol. XLIII.I.563);

Issa fil-kawża preżenti jirriżulta li l-pretensjoni teċċedi bil-bosta l-imsemmija somma ta' Lm300 (ara deposizzjonijiet ta' l-attur u nota tiegħu a fol. 152). Jekk din il-pretensjoni hix fondata jew le hija kwistjoni oħra li l-Qorti, għall-finijiet ta' kompetenza, m'għandhiex teżamina u li għalhekk hija tħalli impreġudikata. Il-Qorti għandha skond il-liġi (art. 52(1) ) tiddeċidi l-kwistjoni tal-kompetenza a bażi biss ta' l-"oġġett tal-pretensjoni". Tista' dik il-pretensjoni in segwitu tirriżulta infondata *in toto* jew *in parte* iżda l-istess il-Qorti tkun kompetenti tiegħu konjizzjoni ta' l-appell jekk l-"oġġett tal-pretensjoni" jkun jeċċedi Lm300;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-konvenut billi tiddikjara ruħha kompetenti tieħu konjizzjoni ta' dan l-appell, u dan bl-ispejjeż relattivi, kompriżi dawk relattivi għall-provvediment ta' l-10 ta' Ġunju, 1987 u d-digriet ta' l-14 ta' Ottubru, 1987, kif ukoll tal-perizja relattiva, għall-istess konvenut u tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-mertu għall-20 ta' April, 1988.